MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2014

Avviz Numru. 230/2013

**Dr Robert Lautier ( ID 530781M) u Dr Justin Agius (ID 351262M)**

**vs**

**Jason Briffa**
**(ID 121193M)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar id-19 ta' Lulju 2013 fejn l-atturi talbu lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallashom is-somma ta' tmint elef u mitejn Euro (€8,200), rappresentanti ammont dovut ghal servizz ta' dentist moghti lill-intimat mir-rikorrenti kif ahjar deskritt fl-avviz

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra legali tat-28 ta' Awissu 2012 u l-ittra ufficjali dtata 25 ta' Ottubru 2012 kif ukoll tal-Mandat ta' sekwestru 1687/13 u bl-imghaxijiet legali mit

18 ta' Lulju 2012 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat li huwa ingunt in subizzjoni

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal kawza u l-Avviz propjru gew notifikati permezz tal-pubblikazzjoni u affissjoni u dana billi, fil 21 ta' Novembru 2013, saret l-affissjoni gewwa l-Kunsill Lokali, Sliema u l-Ghassa tal-Puluzija gewwa tas-Sliema, filwaqt illi l-indirizz tad-dar tieghu ma instabx (fol 6 tergo), saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern fis 26 ta' Novembru 2013 (fol 8) u fil-Malta Independent tad-19 ta' Dicembru 2013 (fol 11).

Illi fis-seduta tas-17 ta' Jannar 2014 l-atturi pprezentaw kapitolu fil-konfront tal-konvenut (fol 12).

Rat illi fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2014 il-konvenut gie imsejjah izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur ta' l-atturi jghid li d-debitu ghadu dovut u li t-talba ghandha tigi milqugha issib li t-talba tal-istess atturi tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici tikkundanna lill-konvenut ihallashom is-somma ta' tmint elef u mitejn Euro (€8,200), rappresentanti ammont dovut ghal servizz ta' dentist moghti lill-intimat mir-rikorrenti kif ahjar deskritt fl-avviz**

**Bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut kif mitluba.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------